ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 51/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, l-1 ta' Ġunju 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Id-Deputat Sindku s-Sur Joe Bajada kien skużat (*e-mail* tad-Deputat Sindku mehmuża mal-minuti bħala Dok. B).

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku f' isem il-Kunsill Lokali ta l-kondoljanzi lis-Segretarja Eżekuttiva għat-telfa li ġarrbet tal-mewt tan-nannu.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 50/10 U TAL-LAQGĦA TAL-24/05/10</u>

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 50/10 u tal-Laqgħa tal-24 ta' Mejju 2010 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata u ffirmata.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI 50/10 U TAL-LAQGĦA TAL-24/05/10

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra tad-Direttur tal-Musical 'Għeruqna' Ray Mangion dwar il-bżonnijiet biex il-Musical jittella' fiż-Żebbuġ.
Gie deċiż li jsiru sejħiet għall-kwotazzjonijiet għal sistema ta' dwal, għas-*sound* u kiri ta' *screen*.
Is-Sindku rrimarka li l-lirika, il-mużika u l-'props' tal-Musical huma assi tal-Kunsill.

Komunikat tal-Perit Edward Scerri dwar ir-*resurfacing* ta' Triq il-Qolla l-Bajda. Is-Sindku qal sa bi dritt ta' Camilleri jista' jsir it-tarmak pero` minn ta' Camilleri l' isfel, it-triq trid titqaxxar tmien pulzieri u jingħata l-konkos. Is-Sindku ppropona li l-wiċċ tal-parti ta' isfel tat-triq isir bl-i*stenciled concrete*. Kien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja għal Kumitat Amministrattiv ta' Marsalforn. Ġie deċiż li tinġibed l-attenzjoni tad-Dipartiment dwar il-fatt li l-fondi għall-*waste tipping fees* ġew allokata kollha għal Marsalforn.

Ittra mibgħuta minn Transport Malta bis-suġġett immaniġġjar tat-traffiku fi Triq iċ-Ċnus. Is-Sindku ssuġġerixxa li Triq Sant' Indrija ssir *one way*, il-barra jew il-ġewwa. Qal ma jaħsibx li Triq Sant' Indrija tiflaħ *flow* tat-traffiku miż-żewġ direzzjonijiet. Kien hemm qbil li jsir *public hearing*.

Memo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti dan il-memo f' seduta oħra.

Dwar il-ħaxix li qed jaqtgħu n-nies tal-ETC, ġie deċiż li nitkellmu ma' Karmnu Camilleri dwar il-ġbir u r-rimi ta' dan il-ħaxix.

Il-Kunsill approva:

- *resurfacing* ta' parti minn Triq il-Ponta quddiem ir-residenza 'Opal' biex tiġi solvuta problema ta' qlib ta' ilma; stima ta' €2,069.
- estensjoni ta' *culvert* eżistenti fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u *resurfacing* ta' parti mill-istess triq sabiex tiġi eliminata problema ta' qlib ta' ilma; stima ta' €11,056.
  Is-Sindku qal f' dik il-parti tat-triq kien hemm katusa u din intradmet.

  Dwar il-kwistjoni ta' Farrugia fi Triq Għajn Mhelhel, Camilleri qal għandu jsir tarmak quddiem ta' Farrugia bħal ma sar quddiem ta' Saliba.

- x-xiri ta’ *grass cutter* (€400) u ta’ *heavy duty chainsaw* (€320).

Dwar l-użu ħażin ta’ l-i*skips on wheels* ta’ Triq iż-Żebbuġ, il-Kunsillier Camilleri ssuġġerixxa li l-gwardjani lokali jintbagħtu erba’ siegħat fuq il-post.

Is-Sindku qal imminenti li jibdew il-*green wardens*.

Il-Kunsill approva li l-Kumitat ta’ Żebbuġ Rovers FC jaqta’ l-ħaxix ta’ Triq Wied l-Infern.

Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-applikazzjonijiet għal *meters* tad-dawl temporanja ta’ Josianne Pace u Brian Grech.

Il-Kunsillier Refalo tkellem dwar il-fatt li min qed jarma l-*bouncy castles* fil-Menqa mhux qed iħallas lill-Kunsill.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

Is-Sindku qal fil-*promenade* tal-Qbajjar saret l-għarukaża biż-żebgħa partikularment ir-*railings* u l-bankjiet.

Kien maqbul li s-Sindku jiltaqa’ mal-kuntrattur u l-*contracts manager* fuq ix-xogħol taż-żebgħa tal-*promenade* tal-Qbajjar.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

| | |
|---|---|
| Servizzi ta’ librara – Mejju 2010 (Joanne Grima) | €104.94 |
| Twaħħil ta’ tabelli tat-traffiku għall-għeluq ta’ Triq il-Port u l-Menqa, sajf 2010 (Refalo Signs) | €531.00 |
| Konsum u kera tal-linja tat-telefon (GO) | €155.51 |
| Materjal għal grada li saret fi Triq il-Munġbell (Joseph Caruana Co Ltd) | €226.40 |
| Provista ta’ ramel (Road Construction Co Ltd) | €30.24 |
| Għotien għall-antarjoli tal-festa (Anton Zarb) | €379.96 |
| Ritratti u nkwadri (Gozo Arts) | €168.00 |
| Ħart tas-siġar taż-żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ (Alfred Attard) | €70.00 |
| Spejjeż tal-uffiċċju (Smart Office Supplies Ltd) | €46.48 |
| Tindif ta’ l-uffiċini tal-Kunsill – Mejju 2010 (Salvina Bajada) | €32.62 |
| *Contracts Manager fee* – Marzu 2010 (Fortunato Mifsud) | €48.59 |
| Tiswija tat-tabella ‘Merħba’ u ta’ *bus shelter* (Refalo Signs) | €83.65 |
| Servizzi ta’ inġinier – Skema Enerġija Alternattiva (Galea Curmi Engineering Consultants) | €380.00 |
| *Contract Manager fee* – Mejju 2010 | |

(Galea Curmi Engineering Consultants) €95.93
Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival u f' 'Ilwien ir-Rebbiegħa' 2010
(Annette's Mystic Dancers) €300.00
Tqassim ta' *newsletters* tal-Kunsill 01-08/2010
(Parroċċa Santa Marija) €108.00
Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żebbuġ 2010
(Arċ. Dun Reuben Micallef) €15.00

## 6. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

**PROVVISTA TA' KONKOS U KOSTRUZZJONI TA' BANKINI**

Dawn iż-żewġ offerti ma kienux diskussa peress li l-Perit kien għadu ma bagħatx ir-rapporti tiegħu.

## 7. XOGĦLIJIET FIL-LOKALITA `

Il-Kunsill approva *patching* fil-Menqa mill-ħaddiema tal-IPSL.

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra l-istima u l-pjanta tal-proġett tas-sistema ġdida ta' dwal fi Triq Sta Marija u Triq il-Forn; stima ta' €129,088. Il-Kunsill iddeċieda li japplika mal-MEPA għall-finanzjament ta' dan il-proġett mill-fondi tal-UIF.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jkun suġġerit biex parti minn Triq Sta Marija, dik il-parti tat-triq li tiġi kantuniera ma' Triq Mieġel il-Baħar tingħata l-isem ta' Pjazza Santa Marija.

Il-Kunsill qabel li:

- jitlob laqgħa mas-Supritendent tal-Pulizja ta' Għawdex.
- jkun organizzat kors fil-*first aid* għar-residenti.
- tintalab stima liż-żewġ mastrudaxxi li applikaw biex jagħmlu xogħol għall-Kunsill biex isir il-passaġġ tal-injam għall-persuni b' diżabilita` fil-Bajja ta' Marsalforn u l-bieb tal-berġa.
- jitlob il-parir tal-Perit dwar ilment li ressaq Joseph Magro dwar ħajt li bena l-Kunsill fi Triq il-Ponta u li skont Magro, dan il-ħajt ma nbeniex skont l-*alignment* tat-triq kif maħruġ mill-MEPA.
- l-Perit joħroġ stima biex titranġa l-ħsara li saret fuq il-moll maġenb is-*slipway* prinċipali tax-Xwejni.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fit-7.45 ta’ filgħaxija għal nhar it-Tnejn, it-28 ta’ Ġunju 2010 fil-5.30 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Sindku*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |

**Dok. A**

**Seduta Nru. 51/10**

## Ċedola tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| Żebgħa (Dominic Department Stores Ltd) | €248.03 |
| Ġbir ta' siġra miksura mill-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) | €40.00 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – April 2010 (John Zammit) | €138.89 |
| Tiswija ta' tabella, sapport għal tlett siġriet u tneħħija ta' tabella msadda mill-*playing field* taż-Żebbuġ (John Zammit) | €100.00 |
| Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – April 2010 (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – April 2010 (Louis Attard) | €3,849.56 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Marzu 2010 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | €599.25 |
| Konsum u kera tal-linja tat-telefon (GO) | €217.09 |
| Kiri ta' *hi-up* għal xogħlijiet ta' żebgħa fi Triq Santa Marija (Peter Paul Said) | €219.88 |
| Kiri ta' *trailer* għall-attivitajiet ta' Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 (Peter Paul Said) | €212.40 |
| Siment u żebgħa (Dominic Department Stores Ltd) | €324.94 |
| Servizzi ta' kurrier (Gozo Express Services) | €34.22 |
| *Engineering services* – stallazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Għajn Mhelhel u Triq il-Madonna taċ-Ċiċri (Galea Curmi Engineering Consultants) | €739.86 |
| *Engineering services* - stallazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Santa Marija u Triq il-Forn (Galea Curmi Engineering Consultants) | €2,580.66 |
| Ipproċessar tal-applikazzjoni mal-Enemalta għal twaħħil ta' dwal ġodda fi Triq id-Duluri u Triq l-Isqof Pace (Galea Curmi Engineering Consultants) | €27.48 |
| Tiswija u bdil ta' diversi lampi (Richard Cauchi) | €2,964.72 |
| Riċeviment għall-*cast* tal-Musical 'Għeruqna' (David's Bakery) | €1,000.00 |
| Servizz mill-Banda Victory – Festi Pawlini 2010 (Soċjeta` Filarmonika Victory) | €430.00 |
| Servizzi ta' fotografu – ġimgħa ta' attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żebbuġ 2010 (Joseph Mercieca) | €415.00 |
| Kiri ta' appartamenti għall-preżentatur Joe Vella u l-membri tal-Għaqda tan-Nar tal-Imqabba – Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 (Maria Camilleri) | €212.40 |
| Servizzi ta' PA System – Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 (Power Sound) | €1,144.60 |
| Servizz ta' PA System – Ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ 2010 (Power Sound) | €177.00 |

| | |
|---|---|
| Ġbir tat-tabelli mill-wied ta' Marsalforn (Refalo Signs) | €100.30 |
| Kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Santa Marija (Road Construction Co Ltd) | €25,700.80 |
| *Contracts Manager Fee* – kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Santa Marija (il-Perit Edward Scerri) | €1,352.67 |
| Kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Wied (Road Construction Co Ltd) | €23,043.79 |
| *Contracts Manager Fee* – kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Wied (il-Perit Edward Scerri) | €1,212.83 |
| Kisi bit-tarmak ta' Triq il-Forn (Road Construction Co Ltd) | €16,023.03 |
| *Contracts Manager Fee* – kisi bit-tarmak ta' Triq il-Forn (il-Perit Edward Scerri) | €843.32 |
| Xogħol tal-elettriku – *upgrade* tal-berġa (Camilleri & Mifsud) | €611.62 |
| Xogħol fuq is-sistema tal-ilma u tad-drenaġġ – *upgrade* tal-berġa (Camilleri & Mifsud) | €652.47 |

25 ta' Mejju 2010